**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**26 ta' Settembru, 2021**

# IL-QALB

Kemm hi sabiħa din il-kelma! Il-qalb! Fil-qalb hemm dak kollu li jerfagħna 'l fuq. Fil-qalb ukoll ġieli nħallu jxenxlu sentimenti ta' nixfa, ta' tħammim bla waqfien, u saħansitra ta' mibegħda. Il-qalb tagħna għandha tkun mimlija b'sentimenti bħal dawn:

**QALB LI TĦOSS.** Wieħed jista' jaqra aħbar li ma tmissux. Jista' wkoll iħoss għafsa ta' qalb li timbuttah jagħmel xi ħaġa, li jitlob. X'taħseb int meta taqra li bejn l-2013 u l-2018, mietu 17-il elf imgħarrqin fil-baħar Mediterran? X'taħseb int meta taqra li dan l-aħħar tliet Maltin taw xebgħa lil wieħed Afrikan u ħallewh imfarrak?

**QALB LI TAGĦDER.** Hawn min ma joħroġx minn esperjenza negattiva, donnha ħajtu ddur fuq dak li ġralu meta għadda minn din l-esperjenza negattiva. Irridu naħfru. Irridu nagħdru. Irridu nkunu maturi biżżejjed biex nimxu 'l quddiem.

**QALB LI TINGĦATA.** Nirrakkonta storja li ġrat f'Sirakuża xi 400 sena qabel Kristu. Damon u Pitjas kienu żewġt iħbieb. Ġara li r-re Dijonisju ordna li Damon jinqatel għax kien qed jitkellem fil-pubbliku fuq kemm ir-re kien krudil. Damon ried isellem lil tal-familja qabel imut. Dijonisju ħaseb li Damon kellu xi pjan biex jaħrab. Kien hawn li Pitjas offra li joffri lilu nnifsu biex jekk Damon ma jirritornax f'erba' sigħat, jinqatel hu, Pitjas, flok ħabibu. Ġara li ż-żiemel ta' Damon miet fit-triq u dam ftit biex sab żiemel ieħor. Xħin Damon wasal, ix-xabla tal-argużin kienet nieżla fuq għonq Pitjas. Hawnhekk Pitjas qal lir-re li xorta waħda ried imut flok ħabibu. Kien hawnhekk li Dijonisju li ħajtu kienet waħda ta' mibegħda u krudeltà, intebaħ li l-qalb tajba teżisti tassew. Ordna li t-tnejn jibqgħu ħajjin u talabhom li jkun ħabib tagħhom.



**QALB MIMLIJA B'ALLA:** tinsiex li issa, propju waqt li int qed taqra dal-messaġġ, Alla jinsab fil-qalb tiegħek. Toħonqux. Ħallih ikellmek u jmexxik Hu.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**AVVIŻI:**

**ĦINIJIET TAL-QUDDIES:** dan is-Sibt (25 ta' Settembru) li fih qed tirċievu l-bullettin, il-quddies ta' filgħaxija jkunu fil-5:00pm u fis-7:00pm.

**IL-KOMUNITÀ EWKARISTIKA:** ser terġa' tibda tiltaqa' kull nhar ta' Tnejn fis-7pm f'Dar San Pietru u San Pawl fi Triq Diċembru 13. Il-Komunità huwa grupp li jgħinek tagħmel esperjenza tal-Kelma t'Alla, tirrifletti fuqha u tgħinek tagħġinha mal-ħajja ta' kuljum. Għal aktar informazzjoni kellem lil Fr Mark.

**SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 1 t'Ottubru wara l-quddiesa tal-5:00pm. Ilkoll mistednin niġu niltaqgħu mal-ħniena t'Alla u nitolbu għal dawk l-iktar li jeħtiġuha.

**QUDDIES F'SAN BLAS:** Mix-xahar ta' Ottubru li ġej, nhar ta' Erbgħa se jibda jkun hemm quddiesa fl-4:00pm fil-garaxx.

**IL-KUMITAT TAL-BANDA JIXTIEQ JAVŻA:** li ser jerġa' jibda t-tombli ta' nhar ta' Ħadd mit-3 t' Ottubru fil-Każin tal-Banda. Tibda fis-7:00pm u jkun hemm trasport provdut.

## ĠRANET U ĦINIJIET TAL-KATEKIŻMU FIL-MUŻEW TAL-BNIET

L-ewwel shift - mill-4:30pm sal-5:05pm

Year 1 - It-Tlieta
Year 2 - It-Tnejn
Year 3 - It-Tnejn u l-Ħamis
Year 4 - It-Tlieta u l-Ġimgħa

It-tieni shift - mis-5:45pm sas-6:20pm

Year 5 - It-Tlieta u l-Ħamis
Year 6 - It-Tnejn u l-Ġimgħa
Year 7 - It-Tnejn u l-Ġimgħa
Forms 2 u 3 - It-Tlieta
Form 4 - Il-Ħamis

Id-duttrina tibda minn nhar it-Tnejn, 4 t'Ottubru. It-tfal għandhom jiġu bil-maskra u dawk li jkollhom is-sintomi ta' mard m'għandhomx jattendu.

L-email tal-qasam inbidel u hu: nadur.bniet@museumsdc.org

Numru tat-telefon: 21564325

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**SALA PARROKKJALI: Is-Sibt:** fis-6:00pm (issir fil-bitħa tal-Mużew Marittimu)

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am